# STUDJU DWAR IL-KTIEB TA' RIVELAZZJONI Kapitlu 7:1—8:5

minn
George Ebejer

# IL-KTIEB TA' RIVELAZZJONI

## IL-KURA TA' ALLA GĦAN-NIES TIEGĦU
## (Rivelazzjoni 7:1—8:5)

### INTRODUZZJONI

Bejn is-sitt u s-seba' siġill hemm żewġ viżjonijiet li huma mogħtija biex iwieġbu l-mistoqsija,

> "Xi ngħidu dwar in-nies ta' Alla matul dan iż-żmien? Sejrin huma jkunu minsija? Jew Alla se jieħu ħsiebhom?"

L-ewwel viżjoni tikkonċerna l-issiġillar tal-144,000, waqt lit-tieni viżjoni tiddeskrivi l-miġemgħa bla għadd madwar it-tron fil-glorja. L-ewwel viżjoni tikkonċerna n-nies ta' Alla fuq l-art, waqt lit-tieni tħares lejn it-tmiem aħħari tal-protezzjoni l-kbira ta' Alla fis-salvazzjoni finali ta' dawk li huma Tiegħu. Minkejja s-sewqan ta' l-erba' rikkieba taż-żwiemel, u l-persekuzzjoni tan-nies ta' Alla, fl-issiġillar tal-144,000, l-iskop ta' Alla huwa li jġibhom fiż-żgur matul kull deni lid-dinja bis-setgħa tagħha kollha tista' ġġib fuqhom. Dan ma jfissirx li tgħid lin-nies ta' Alla jkunu eżentati minn kull traġedja u tbatija. Pjuttost, huma jkunu żgurati b'siġill spiritwali ntern ħalli b'hekk kif jgħaddu min-nirien tat-tbatija ma jkunux imwaġġa'. Dawk li jżommu mal-veduta futurista jinterpretaw dan li jirriferi għall-Kristjani Lhud li jkunu ssiġillati wara l-miġja ta' Kristu u "r-rapiment" tal-qaddisin fl-ajru. In-nazzjon ta' Iżrael kien ikkonvertut u dawn issa huma ssiġillati. Iżda din il-veduta taqbeż il-fatt li l-espressjoni "*il-qaddejja ta' Alla* " (7:3) tirriferi għal l-istess grupp indirizzat f'kapitlu wieħed fl-introduzzjoni, fejn naqraw:

> "*Ir-Rivelazzjoni ta' Ġesù li tahielu Alla biex jgħaraf lill-qaddejja tiegħu b'dak li għandu jiġri ma jdumx. Alla bagħat lill-anġlu tiegħu jfissirha lill-qaddej tiegħu Ġwanni.*"

Matul it-Testment il-Ġdid *Iżrael fiżiku* huwa t-tip *ta' Iżrael spiritwali*; il-knisja, il-poplu ta' Alla llum. L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar dan:

> "*Mhux dak li jidher li hu Lhudi minn barra hu Lhudi, l-anqas min għandu ġismu ċirkon-ċiż; il-Lhudi veru hu dak li hu Lhudi minn ġewwa; iċ-ċirkonċiżjoni vera hi dik tal-qalb, opra ta' l-Ispirtu u mhux tal-liġi miktuba. Bniedem bħal dan, mhux il-bnedmin ifaħħ-ruh, imma Alla*" (Rumani 2:28, 29).

F'Galatin 3:28, 29, Pawlu jgħid hekk:

> "*Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù. Imma jekk intom ta' Kristu, intom ukoll nisel Abraham, werrieta skond il-wegħda*"

F'Galatin 6:16, Pawlu jgħid,

> "*U dawk kollha li jimxu fuq din ir-regola, is-sliem u l-ħniena fuqhom, kif ukoll fuq* ***Iżrael ta' Alla***" (enfasi tiegħi).

Ukoll f'Filippin 3:3 naqraw,

> "*Għax dawk li tassew għandhom iċ-ċirkon-ċiżjoni huma aħna; aħna li qegħdin naqdu lil Alla fl-Ispirtu u niftaħru fi Kristu Ġesù; aħna li ma nqegħdux il-fiduċja tagħna fil-ġisem.*"

Naqraw f'Ġakbu 1:1,

> "*Ġakbu, qaddej ta' Alla u ta' Sidna Ġesù Kristu, lit-tnax-il tribù mxerrda mad-dinja: sliem.*"

Ukoll fl-Ewwel Pietru 1:1 naqraw,

> "*Pietru, appostlu ta' Ġesù Kristu: lil dawk li qegħdin jgħixu mxerrda bħala pellegrini,*

*f'Pontu, fil-Galazja, fil-Kappadoċja, fl-Asja u fil-Bitnja.*"

Ukoll jgħid l-appostlu Pietru,

> "*Imma intom ġens magħżul, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru l-glorja ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb. Intom li darba ma kontux poplu, issa sirtu l-poplu ta' Alla; intom li darba ma kontux issibu ħniena, issa sibtu l-ħniena tiegħu*" (1 Pietru 2:9-10).

Ma' dawn l-Iskritturi, riferenzi ta' qabel fil-Ktieb ta' Rivelazzjoni jindikaw li Ġwanni jqis lill-Kristjani bħala l-veru Lhud fejn jgħid f'Rivelazzjoni 2:9,

> "*Jiena naf it-taħbit u l-faqar tiegħek, għad li inti għani; u naf kemm jinfamawk dawk li jgħidu li huma Lhud mingħajr ma huma, meta huma sinagoga tax-xitan.*"
>
> "*Ara, lil xi wħud mis-sinagoga tax-xitan,--li jriduha ta' Lhud bla ma huma!...*" (Rivelazzjoni 3:9).

Ukoll f'kapitlu 14:1 dan l-istess grupp huwa muri fuq il-Muntanja Sijon jaqsam it-trijonf tal-Ħaruf. Għalhekk il-144,000 imfissra f'termini tat-tnax-il tribù fuq l-art jirriferu għal veru *Iżrael spiritwali* ta' Alla fuq l-art, ikunu mħarsa bis-siġill Tiegħu u miġjuba fiż-żgur matul it-tribulazzjonijiet. Dan *l-istess* grupp ta' nies huwa rriferut għalih bħala l-folla l-kbira li ebda bniedem ma jista' jgħoddha, minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien, weqfin quddiem it-tron u quddiem il-Ħaruf fis-sema *fit-tieni* viżjoni. Is-siġillar huwa att kontinwu li jkompli f'kull ġenerazzjoni sat-tmiem ta' din l-epoka Kristjana. Alla jassigura lill-fidili li huma jgħaddu fiż-żgur taħt il-protezzjoni Tiegħu u Hu jwiegħed lilhom għall-ħeġġa tagħhom it-trijonf aħħari ta' paċi u hena li ma jispiċċaw qatt.

## IS-SIĠILLAR TAL-144,000
## (Rivelazzjoni 7:1-6)

L-ewwel veduta ta' Ġwanni turi erba' anġli wieqfa fl-erba' rkejjen ta' l-art, fl-erba' ponot tal-boxxla, iżommu l-erbat irjieħ li jonfħu mit-tramuntana, mil-lvant, min-nofs in-nhar u mill-punent. Huma jħarsu dawn l-erbat irjieħ biex b'hekk ebda riħ ma jagħmel xi ħsara lid-dinja u l-baħar sakemm is-siġġillar ikun lest. Xejn ma jista' jżomm lil Alla milli jħares lil dawk li huma Tiegħu. "*Is-siġill ta' Alla l-ħaj*" (v. 2) għandu jkun impoġġi fuq ġbin il-qaddejja Tiegħu (v. 3). Dan il-ktieb ma jissodisfax aktar il-kurżità tagħna dwar x'jiġri meta l-erba' anġli jħallu l-erbat irjieħ jonfħu fuq l-art u fuq il-baħar, imma l-immaġinazzjoni tista' tmexxina ħalli nifħmu li jista' jkun li dawn jirrappreżentaw f'diversi modi l-ġudizzji li għandhom jiġu bħall-maltempata fuq l-art. Possibbilment dawn jistgħu jir-riferu għall-ġudizzji li huma rrappreżentati fit-trombi b'mod ta' twissija għal l-abitanti tad-dinja. Waħda mil-lezzjonijiet impor-tanti ta' dan il-ktieb hija li Alla jagħmel użu mill-ħażen fid-dinja sabiex iġib il-ħaqq fuq dawk li jagħmlu l-ħażen. Il-ħażen iġib fih innifsu ż-żerriegħa tal-qerda tiegħu stess. Alla jagħmel użu mit-traġedji li jikkawżaw in-nies sabiex iġib il-qerda tan-nies ħżiena. L-irjieħ li jikkontrollawhom l-erba' anġli huma rjieħ ta' gwaj (v. 2). Anġlu ieħor, użat bħala aġent ta' Alla ħalli jissiġilla lil ulied Alla, jordna lil dawn l-erba' anġli biex ma jħallux l-irjieħ tagħhom ta' ħsara qabel max-xogħol ta' l-issiġillar ikun tlesta.

"*Is-siġill ta' Alla l-ħaj*" (v. 2) jirriferi għal użu komuni fid-dinja l-antika tas-siġill tal-ħajja ta' kuljum. Il-qabar ta' Ġesù kien issigillat mill-gvernatur Ruman Pilatu biex iħarsu mit-tbabis (Mattew 27:66). Is-siġill wera wkoll pussess. Naqraw fit-Tieni Timotju 2:19,

> "*Imma s-sies qawwi, li Alla qiegħed, iżomm sħiħ, u fuqu għandu dan is-siġill: 'Il-Mulej jagħraf dawk li huma tiegħu,' u wkoll: 'Ħa jitwarrab mill-ħażen kull min isejjaħ isem il-Mulej.*"

L-espressjoni "Alla l-ħaj" hija espressjoni familjari fit-Testment il-Ġdid u tenfasizza d-differenza bejn l-Alla li mhux biss jgħix għal dejjem imma huwa s-sors (l-għajn) tal-ħajja ta' dejjem u l-allat mejta tad-dinja pagana.

Innota li dan is-siġill huwa mpoġġi fuq il-ġbin u aktar tard ikun irriferut għalih bħala l-"marka tal-bhima" li hija l-marka li tiddistingwi ta' dawk li jimxu wara dan l-aġent tad-dragun (ara kap. 13).

Ġwanni attwalment ma jarax is-siġillar; hu *jisma'* biss innumru ta' dawk issiġillati. Dan in-numru, 144,000, huwa numru *simboliku*, kif diġa rajna u sejrin naraw aktar 'il quddiem, billi l-istess numru jiġi minn kull wieħed mit-tnax-il tribù u kull tribù huwa msemmi wieħed wieħed. Ovvjament dan huwa intenzjonat biex ifisser u juri l-milja jew in-numru sħiħ tan-nies kollha ta' Alla. Dawk li jillimitawh għall-magħżulin minn Iżrael fit-Testment il-Qadim jonqsu milli jifhmu l-enfasi Kristjana ta' dan il-Ktieb ta' Rivelazzjoni. Dawk li jillimitawh biss għall-Kristjani Lhud jonqsu wkoll milli jaraw is-sinifikat talknisja *li tkun il-veru Iżrael ta' Alla* llum.

*Versi 4-8*. Il-lista magħmula tat-tribujiet ċertament ma tirriferrixix għal l-Iżrael skond il-ġisem, għaliex numru mittribujiet diġa kienu tilfu l-identità tagħhom saż-żminijiet tat-Testment il-Ġdid. Fil-fatt, ħafna ma jistgħux jittraċċjaw ilkonnessjoni tat-tribù tagħhom. L-ordni li fiha t-tribujiet huma mniżżla hija stramba imma meta wieħed jaqra t-Testment il-Qadim huwa jsib hemm talinqas dsatax-il arranġament differenti fil-listi tat-tribujiet. Ġuda huwa l-ewwel fil-lista fejn aħna nistennew lil Ruben, iżda probabbilment li Ġuda qiegħed fir-ras tal-lista huwa intenzjonat biex jiġbed l-attenzjoni fuq dan ittribù bħala l-wieħed li minnu ġie l-Messija. Fil-lista, Dan huwa mħolli barra u Ġużeppi huwa mibdul jew sostitut għal l-isem Efrajm. Efrajm u Manassi kienu wlied Ġużeppi. Irenaeus (madwar is-sena 185 W.K.) spjega l-ommissjoni ta' Dan bħala minħabba t-twemmin li l-antikrist jiġi mit-tribù ta' Dan (Against Heresies, v. 30:2). Din tista' tkun ir-raġuni għaliex Dan huwa mħolli barra hawn.

## MIĠEMGĦA INNUMERABBLI
## (Rivelazzjoni 7:9-17)

F'din it-tieni viżjoni, Ġwanni jara l-kotba kollha tal-mifdija issa bħala miġemgħa innumerabbli, *"li ħadd ma jista' jgħoddha,"* ġejja mid-dinja kollha u tieqaf quddiem it-tron tal-Ħaruf. Issa huma lebsin l-ilbiesi bojod tagħhom tal-vittorja bil-friegħi tal-palm f'idejhom, hekk kif jingħaqdu flimkien f'għajta kbira ta' trijonf. It-tema ta' l-għajta tagħhom hija "*salvazzjoni*," għaliex huma kienu mifdija għal dejjem u jattribwixxu l-fidwa tagħhom lil Alla u lill-Ħaruf. Hawn Dak li qiegħed fuq it-tron huwa mfisser bħala "*Alla tagħna*," għalhekk jinterpreta din l-istqarrija partikulari definittivament, jekk kien hemm xi dubju dwarha qabel. Il-veru Salvatur Hu Ġesù Kristu u Alla tagħna. Jissieħbu fiċ-ċirku ta' dawk li jqimu madwar it-tron hemm il-miġemgħa kbira ta' anġli, u huma waqgħu fuq wiċċhom u joffru l-kant u t-tifħir tagħhom stess. Hija għotja ta' tifħir lil Alla magħmula f'seba' tibda bl-Amen, li biha huma jikkonfermaw l-għajta tal-mifdija. L-artiklu definit huwa wżat fil-Grieg ma' kull wieħed minn dawn is-seba' elementi f'din id-dossoloġija, imma l-ordni li fiha jiġu dawn hija differenti minn dossoloġiji oħra li jinsabu fil-ktieb. Dawn il-glorji huma mogħtija lil Alla għall-eternità kollha.

*Vers 13*. Wieħed mix-xjuħ jagħmel mistoqsija lil Ġwanni, mhux bl-iskop li jikseb l-informazzjoni, imma għal l-iskop ħalli jidentifika x-xena, u partikularment lil dawk li qegħdin fis-sema u minn fejn huma ġew. It-tweġiba ta' Ġwanni tindika li hu jixtieq li jkun jaf it-tweġiba għal dik il-mistoqsija. Ix-xiħ mbagħad jidentifika lil dawk lebsin l-ilbiesi bojod bħala dawk li kienu midinbin, għax huma ħaslu l-ilbiesi tagħhom u għamluhom bojod fid-demm tal-Ħaruf. Dnubiethom kienu ġew maħfura permezz tar-rispons tagħhom lejn Ġesù Kristu. Waħda mill-figuri li tiddeskrivi d-dnub fl-Iskrittura tħares lejh bħala dak li jagħmel l-ispirtu ta' individwu maħmuġ, u l-fidwa hija mfissra f'termini ta' tindif mill-ħmieġ u t-tinġis tad-dnub. Dawn huma wkoll dawk li kienu għaddew mit-tribulazzjoni l-kbira, iż-żmien tal-persekuzzjoni u tbatija kbira, u kienu fidili u

leali. Huma rrealizzaw il-wegħdiet magħmula lil dawk li jgħelbu, magħmula speċifikament fl-ittri lis-seba' knejjes. Għalhekk, huma jinsabu dejjem quddiem it-tron ta' Alla, iservuh fis-santwarju Tiegħu u l-protezzjoni Tiegħu tinsab fuqhom. Il-kelma tradotta "*taħt il-kenn tiegħu*" hija fil-Grieg *skenoo* li tfisser bħala li tgħix jew li tgħammar, iżda speċifikament f'din is-silta tfisser bħala "*kenn.*" Il-preżenza ta' Alla tinsab man-nies Tiegħu u l-protezzjoni Tiegħu tħarishom għal dejjem. Kif is-siġill Tiegħu ħarishom fuq l-art, issa huma jinsabu fiż-żgur għall-eternità kollha.

*Vers 16*—Jieħu mil-lingwa li tinsab f'Isaija 49:10, il-protezzjoni hija mfissra aktar. Huma ma jkunux jafu aktar dwar ġuħ u għatx, lanqas ma jbatu minħabba s-sħana qawwija. "*Id-daqxejn ta' tbatija li hi għall-mument*" (2 Korintin 4:17), tinsab f'kuntrast għall-eternità madwar it-tron ta' Alla. Il-vers ta' wara, vers 17, jippreżentalna lill-Ħaruf bħala r-ragħaj tal-poplu Tiegħu. Il-kelma Griega "*jirgħahom*" f'dan il-vers letteralment tfisser "*jaġixxi bħala ragħaj*" (ara l-istess f'Atti 20:28). Din hija figura favorita fil-kitba ta' Ġwanni. Ta' interess, il-Ħaruf bħala ragħaj tagħhom ħa fuqu n-natura tagħhom bħala ngħaġ. Aħna normalment ma naħsbux dwar ħaruf ikun ragħaj tal-merħla, iżda l-Ħaruf li ħa fuqu n-natura tan-ngħaġ tiegħu issa huwa r-ragħaj tagħhom. Huwa r-Ragħaj it-Tajjeb li ta ħajtu għan-ngħaġ Tiegħu (Ġwanni 10:11). Kif Hu ggwidahom matul ħajjithom hawn f'din id-dinja, din is-silta turi lit-tmexxija u l-ħarsien Tiegħu bħala Ragħaj ikomplu jgawduhom għall-funtani ta' l-ilmijiet tal-ħajja. "*Alla jixxuttalhom kull demgħa minn għajnejhom.*" Bħal omm tixxotta d-dmugħ minn għajnejn it-tfal iż-żgħar tagħha, hekk ukoll il-Ħaruf jixxotta d-dmugħ. Din il-lingwa hija meħuda wkoll minn Isaija 25:8 u kellha tkun ta' faraġ partikulari għal dawk il-Kristjani tal-bidu l-istess kif għandha tkun ta' faraġ ukoll għal ġenerazzjonijiet kollha ta' wara għal dawk fidili lejn il-Mulej.

Hemm bosta paralleli f'din is-sezzjoni għal l-aħħar żewġ kapitli tal-Bibbja. Hawn id-deskrizzjoni tal-Ġerusalem il-ġdida u l-barka tan-nies ta' Alla hija antiċipata prolessikament (jiġi-

fieri, bħala tqegħid minn qabel). Baljon qal dwar il-versi, "Kliem bħal dan ta' versi 15 sa 17 jinstema' bħall-mużika divina fil-widnejn ta' dawk ippersegwitati. Alla jfarraġ kif tfarraġ omm."

## MATUL DAN KOLLU, ALLA JAF LIN-NIES TIEGĦU

Xi ħadd jista' jistaqsi, "Jekk għawġ jiġi fuq il-ġusti u fuq l-inġusti l-istess, x'vantaġġ hemm li tkun Kristjan? Il-waqfa kbira f'kapitlu seba' twieġeb din il-mistoqsija. Qabel ma aktar korla ta' Alla tkun murija, in-nies fidli Tiegħu huma identifikati u "ssiġillati" bil-marka tal-protezzjoni Tiegħu (Riv. 7:1-8). Il-144,000 jirrappreżentaw 1,000 minn kull wieħed "mit-tnax-il tribù" ta' Iżrael, immultiplikati bi tnax. Din ovvjament hija riferenza *simbolika*, billi għaxra mit-tnax-il tribù waqfu milli jkomplu jeżistu bħala entitajiet separati wara l-qirda Assirjana. In-numru 144,000 huwa 12 x 12 (in-nies *kollha* ta' Alla) x 1,000 (numru kbir), simbolu għall-Kristjani kollha li għadhom ibatu fuq l-art. Huma jistgħu qegħdin ibatu, imma mhumiex minsija! Imma hemm *oħrajn*. Ġwanni jara "*folla kbira li ħadd ma jista' jgħoddha*" (v. 9) *quddiem it-tron*, u ftakar, *it-tron* qiegħed *fis*-sema (Rivelazzjoni 4). Mela kemm dawk fidili fuq l-art u dawk diġa fis-sema huma żgurati fil-protezzjoni ta' Alla (ara t-tabella aktar'il quddiem).

Iżda xi kwalità ta' "protezzjoni" hija din li tippermetti nies li jbatu u jmutu? Din mhijiex protezzjoni *fiżika* imma *spiritwali*, il-garanzija li nirċievu l-premju tagħna mill-Missier. Il-punt hu, li jkunu xi jkunu t-tbatijiet li nesperjenzaw fuq l-art, dawn ma jistgħux jisirqulna s-salvazzjoni tagħna (ara Rumani 8:32-39). Dan ma jfissirx li wieħed li jemmen qatt ma jista' jintilef. Ħafna Skritturi jgħallmu biċ-ċar li dan jista' jsir. (Ara Lhud 2: 1-3; 6:4-8; 10:24-31; Ġakbu 5:19-20; 2 Pietru 2:20-21; Rumani 11:22-23; 1 Korintin 9:24-27; u speċjalment Galatin 5:4 fejn jgħid li ħaġa bħal din *kienet* ġrat lil xi wħud). Rivelazzjoni nnifsu huwa mimli b'appelli għall-fedeltà u theddid ta' ħaqq għal dawk li jduru lura (ara Rivelazzjoni 2:10; 21:8). Iżda

telfien bħal dan tas-salvazzjoni huwa magħmul *b'għażla*, billi aħna nwarrbu dak li salvana fl-ewwel post. Ebda qawwa fl-univers ma tista' *tieħu* dik is-salvazzjoni minn għandna jekk aħna m'aħniex lesti li nwarrbu lil Dak li xtraha għalina (Rumani 8:38-39). Aħna m'għandniex nassumu *liċ-ċirkustanzi fiżiċi* tagħna huma riflessjoni ta' *l-istat spiritwali* tagħna. Spiss hemm differenza kbira (ara 1 Ġwanni 3:1-3).

## IN-NUMRU TA' L-ISSIĠILLATI
## (Rivelazzjoni 7:4-8)

Kif diġa rajna, in-numru "1,000" huwa n-numru l-kbir, u n-numru "144,000" huwa l-folla l-kbira. Kif aħna ninterpretaw in-numru ta' l-issiġillati? Jirriferi dan in-numru *għal l-Iżrael skond il-ġisem* jew *għall-mifdija kollha*? Diġa tajt spjega dwar dan imma tajjeb li nkomplu nispjegaw aktar. Xi wħud jemmnu li Ġwanni kien qiegħed jirriferi hawn għas-salvi minn Iżrael. Qabel ma naslu għal din il-konklużjoni, għandna nikkunsidraw dawn l-ideat.

Il-kuntrast f'Rivelazzjoni mhuwiex bejn Iżrael fiżiku u l-pagani jew il-Ġentili. Il-kuntrast huwa bejn in-nies ta' Alla, dawk li huma Tiegħu u s-segwaċi ta' Satana. Il-kuntrast huwa bejn it-tajjeb u l-ħażin. F'Galatin 6:15-16, l-appostlu Pawlu rrifera għall-knisja bħala *l-Iżrael ta' Alla* fejn jgħid,

> "*Għaliex, biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma hemm ta' siwi, ħlief il-ħolqien ġdid. U dawk kollha li jimxu fuq din ir-regola, is-sliem u l-ħniena fuqhom, kif ukoll* ***fuq Iżrael ta' Alla***" (enfasi tiegħi).

Il-vera Kristjani huma "*l-Iżrael ta' Alla*"—kif inhuma f'distinzjoni minn Iżrael skond il-ġisem. Skond Galatin 3:26-29, dawk li huma wlied ta' Alla bil-fidi f'Ġesù Kristu li kienu mgħammda fi Kristu u libsu 'l Kristu huma dixxendenti ta' Abraham. Pawlu jgħid:

> "*Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li*

> *intom mgħammda fi Kristu, ilbistu 'l Kristu. Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù. Imma jekk intom ta' Kristu, intom ukoll nisel Abraham, werrieta skond il-wegħda.*"

Ukoll, l-appostlu Pawlu qal, f'Rumani 2:28-29, illi huwa ma kienx Lhudi li kien wieħed minn barra imma kien Lhudi li kien wieħed minn ġewwa:

> "*Għax mhux min jidher minn barra, hu Lhudi; l-anqas mhi ċirkonċiżjoni, dik li tidher minn barra fi-ġisem: Iżda hu Lhudi, dak li hu wieħed minn ġewwa; u ċ-ċirkonċiżjoni hi dik tal-qalb, fl-ispirtu, u mhux fl-ittra; u t-tifħir tiegħu mhux tal-bnedmin, imma ta' Alla.*"

Ubbidjenza lejn Kristu tagħmilna parti mill-veru Iżrael. (ara Filippin 3:3; Kolossin 2:11; Rumani 3:29-30). Alla mhuwiex ikkonċernat f'din l-epoka Kristjana *fil-linja fiżika* ta' l-individwu; Hu kkonċernat dwar dawk li huma fi Kristu. Dawk li huma fi Kristu huma n-nisel ta' Abraham (Galatin 3*). Il-knisja hija l-Iżrael ta' Alla* (Galatin 6). Għalhekk, billi l-kuntrast fil-Ktieb ta' Rivelazzjoni huwa bejn it-tajjeb u l-ħażin, u mhux bejn Iżrael skond il-ġisem u l-Ġentili jew il-pagani, forsi wieħed ikun jista' jara aktar ċar lin-numru ta' 144,000 ma jirriferrixxix għal bqija ta' Iżrael skond il-ġisem imma għal ulied kollha ta' Alla. Barra mit-tribujiet li huma msemmija hawn, hemm eżattament 12,000 f'kull tribù ta' Iżrael issiġillati? Ifisser dan li eżattament 12,000 minn kull tribù ta' Iżrael se jkunu salvati? Innota wkoll lit-tribù ta' Dan mhu msemmi xejn hawn. Allura minn dan it-tribù ħadd mhux se jsalva?

Xi ngħidu mbagħad dwar ir-rieda ħielsa tal-bniedem? Huma eżattament 12,000 barra minn kull tribù bir-rieda ħielsa tagħhom stess li sejrin jaċċettaw lil Ġesù Kristu? Forsi aħna għamil-na konklużjoni malajr. Forsi Ġwanni qiegħed juri

sempliċiment il-miġimgħa kbira tal-mifdija, *l-Iżrael spiritwali* ta' Alla. F'kapitlu 14, il-144,000 huma msemmija, u l-mifdija kollha huma mdawra. Huwa sensazzjonali mhux ħażin li temmen li xi mkien fl-istorja, xi mkien l-isfel fil-linja, illi 144,000 tan-nies li ħarġu minn Iżrael *skond il-ġisem* iduru għal Kristu u jaċċettaw l-Evanġelju. Xi ngħidu dwar it-tifsira tal-144,000 f'kapitlu 14?

Ġwanni hawn qiegħed jurina li l-mifdija *kollha* huma ssiġillati. Dan qiegħed f'armonija perfetta ma' dak li qal l-appostlu Pawlu lill-qaddisin f'Efesu, in-nies ta' Alla—il-mifdija:

> "*Biex inkunu għat-tifħir tal-glorja tiegħu, aħna li minn qabel ittamajna fi Kristu. Li fih intom ukoll fdajtu, wara li smajtu l-kelma tas-sewwa, l-evanġelju tas-salvazzjoni tagħkom: li fih ukoll wara li intom emmintu, kontu issiġillati b'dak l-Ispirtu mqaddes tal-wegħda, Li hu rahan tal-wirt tagħna sal-fidwa sħiħa ta' dawk li Alla kiseb, għat-tifħir tal-glorja tiegħu*" (Efesin 1:12-14).

Dwar min Pawlu qiegħed jitkellem? Il-qaddisin ta' Alla, il-knisja ta' Alla. Pawlu qiegħed jitkellem dwar dawk li afdaw fi Kristu, li semgħu l-Kelma ta' Alla, il-Kelma ta' l-Evanġelju u emmnuha. Huwa jgħid li dawk li emmnu kienu *issiġillati*. Skond Efesin 1, min huma l-issiġillati? Dawn huma n-nies ta' Alla. In-nies ta' Alla li huma l-familja Tiegħu, il-knisja, huma taħt il-protezzjoni ta' Alla. L-ulied ta' Alla. Dawn huma ta' Alla. Kull Kristjan huwa issiġillat bl-Ispirtu s-Santu tal-wegħda (Efesin 1:13-14).

Wieħed għandu jinnota li l-Kristjan huwa issiġillat f'sens fi tlieta. Il-Missier issiġillah, għaliex l-emmieni jgawdi l-*protezzjoni* tal-Missier matul il-ħajja. L-Iben issiġillah, għaliex Hu kien xtara u feda lil l-emmieni bid-demm prezzjuż Tiegħu stess. B'hekk aħna *Tiegħu*. L-Ispirtu s-Santu ssiġillah (Efesin 1:13), għaliex Hu jiċċertifika li aħna wlied Alla (Rumani 8:16).

F'dan il-passaġġ li qegħdin niddiskutu l-enfasi tinsab fuq *pussess* (ta' min aħna) u konsegwentament *protezzjoni*. Innota

li l-ulied ta' Alla huma ssiġillati "fuq ġbinhom" (Riv. 7:3). F'kapitlu 14 aħna nerġgħu niltaqgħu ma' din l-istess folla ssiġillati, il-144,000. Hemm naqraw li huma għandhom fuq ġbinhom l-Isem tal-Ħaruf u l-Isem tal-Missier (v. 1). Dak l-Isem, fil-probabbiltà kollha, huwa siġill (ara wkoll Riv. 22:4).

Ġwanni *jisma'* n-numru ta' l-issiġillati. Hu ma *jarax* in-numru eżatt tagħhom għaliex dawn l-issiġillati għadhom fuq l-art. In-numru huwa 144,000. Dan, naturalment, kif rajna, huwa *simboliku*. L-ewwel, in-numru tlieta li jindika t-Tliet Persuni tad-Divinità (Mattew 28:19), huwa mmultiplikat b'erba', jindika l-ħolqien kollu, għaliex dawk issiġillati għandhom jiġu mil-lvant u mill-punent, mit-tramuntana u min-nofs in-nhar (Riv. 7:1). Tlieta għal erba' jagħmlu tnax. Dan in-numru mela jindika: it-Tliet Persuni (3) joperaw fl-univers (4). Meta l-Missier permezz ta' l-Iben fl-Ispirtu s-Santu jwettaq ix-xogħol Tiegħu li jsalva fuq l-art—id-Divin (3) jopera fl-univers (4)—aħna naraw fis-sistema l-antika tat-Testment il-Qadim it-tnax (3 x 4)-il patrijarka fis-sistema l-ġdida (it-Testment il-Ġdid) t-tnax-il appostlu. Sabiex naslu għall-kunċett tal-*knisja* tat-taqsima l-qadima u l-ġdida aħna għandna nimmultiplikaw dan it-tnax bi tnax. Dan jagħtina 144,000.

F'armonijia sħiħa ma' din ir-rappreżentazzjoni aħna naqraw f'Rivelazzjoni 21 li l-belt il-qaddisa Ġerusalem għandha tnax-il bieb u tnax-il pedament (versi 12-14). Fuq dawn it-tnax-il bieb kienu miktuba l-ismijiet tat-tnax-il tribù ta' ulied Iżrael. Fuq it-tnax-il pedament, l-ismijiet tat-tnax-il appostlu tal-Ħaruf (Rivelazzjoni 21:9-14). Naqraw ukoll li l-ħajt (sur) fih mija u erbgħa u erbgħin driegħ (Riv. 21:17). Żgur li ħadd ma jsostni li dawn għandhom jittieħdu f'mod letterali!

Huwa ċar ħafna, li l-folla ssiġillati ta' Rivelazzjoni 7 tissimbolizza lill-*Knisja Kollha* tas-sistema antika u l-ġdida. Sabiex jenfasizza l-fatt li mhux prozjon żgħir tal-knisja huwa mfisser imma l-knisja *kollha*, dan in-numru ta' 144 huwa mmultiplikat b'elf. Elf huwa 10 x 10 x 10, li jindika kubu perfett. Għal l-antiki l-kubu kien il-figura perfetta matematika. Jekk aħna nħallu l-Kelma ta' Alla tinterpreta lilha nfisha allura m'għan-

dux ikun hemm xi diffikultà biex nifhmu t-tifsira eżatta ta' dak li qegħdin nistudjaw. Naqraw f'Rivelazzjoni 21:15-18,

> "*Dak li kien qiegħed ikellimni kellu qasba tal-qjies, tad-deheb, biex jieħu l-qisien tal-Belt u tal-bibien u l-ħajt tagħha, belt kwadra, tul u wisa' wieħed. U ħa l-qjies tal-Belt bil-qasba, tul ta' tnax-il elf stadju; tul u wisa' u għoli fiha l-istess. U ħa wkoll il-qjies tal-ħajt tagħha, mija u erbgħa u erbgħin driegħ skond il-qies ta' bniedem, jiġifieri ta' l-anġlu.*"

Il-qies jimpressjonana bil-fatt li juri li hemm spazju biżżejjed għal dawk  kollha li għelbu, permezz tal-fedeltà tagħhom biex jgħammru ma' Alla. Imma ċertament li dan huwa qies *simboliku* u m'għandniex neħduh letterali! Il-mija u erbgħa u erbgħin individwu ssiġillati mit-tnax-il tribù ta' Iżrael jissimbolizzaw lil l-*Iżrael spiritwali*, il-knisja ta' Kristu fuq l-art.

Li tgħid lis-simbolu fl-aħħar jindika lil Iżrael *skond il-ġisem* huwa żbaljat. L-appostlu Ġwanni ċertament li kien jaf li għaxra mit-tnax-il tribù kienu sparixxew fl-Assirja; waqt li Ġuda u Benjamin kienu tilfu l-eżistenza nazzjonali tagħhom meta Ġerusalem waqgħet fis-sena 70 W.K. Ukoll, jekk Iżrael skond il-ġisem huwa mfisser hawn, Efrajm u Dan għandhom ikunu mħollija barra? Ċertament, mhux in-nies kollha fit-tribù ta' Dan kienu mitlufa! Ukoll, innota l-ordni li fiha huma rranġati t-tribujiet. Mhux Ruben imma Ġuda huwa msemmi l-ewwel! Ftakar li l-Mulej tagħna Ġesù Kristu kien mit-tribù ta' Ġuda (Ġenesi 40:10). Ukoll il-fatt li *eżattament* tnax-il elf huma ssiġillati minn kull tribù—armonija f'nofs il-varjetà—għandu jkun biżżejjed biex jindika li aħna qegħdin nittrattaw ma' simbolu, kif diġa rajna. Dwar it-tifsira ta' dan is-simbolu, aħna m'aħniex imħollija fid-dlam. Fl-ewwel post, in-numru nnifsu, illi huwa 144,000, huwa spjegat għal kollox, f'Rivelazzjoni 21, kif diġa spjegajt aktar qabel. Ċertament li l-qisien ta' 12,000 stadju tul, wisa', u għoli, eċċ., mhumiex qisien letterali? Skond dak il-kapitlu dan għandu jindika l-knisja tat-taqsima l-antika u tat-taqsima l-ġdida. Barra minn dan, f'kapitlu 14 aħna nerġgħu

naraw li dawn huma dawk li kienu mixtrija jew mifdija mill-art (v. 3). Dawn jirrappreżentaw lil dawk li jimxu wara l-Ħaruf kull fejn imur: il-Knisja Militanti *kollha*, mela, kif huwa mgħallem ċar f'Rivelazzjoni 22:4 u mhux il-Lhud biss. Kristu, billi xtrahom b'demmu stess, *jippossedihom*. Għalhekk, il-Missier (permezz ta' Kristu, fl-Ispirtu) jipproteġihom. Hekk aħna nkunu qegħdin inħallu l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha u mhux jinterpretaha l-bniedem għalina. Ħalli l-irjieħ jonfħu; dawn ma jagħmlu ebda ħsara lin-nies ta' Alla. Ħalli l-ġudizzji jiġu; dawn ma jweġġgħux lill-magħżulin!

========================

## KONKLUŻJONI

Mela, f'Rivelazzjoni seba', quddiem il-ftuħ tas-seba' siġill, Ġwanni qiegħed jara li Alla qiegħed ipoġġi n-nies Tiegħu—il-mifdija kollha, *l-Iżrael* ta' Alla—taħt il-protezzjoni Tiegħu, taħt is-Sinjurija Tiegħu, u l-fatt li huma ġenwinament in-nies Tiegħu.

L-ewwel qarrejja kienu jafu li huma kienu issiġillati; huma kienu jafu li Alla kien se jieħu ħsiebhom, jiġri x'jiġri. Għalija dan ifisser li jiena ssiġillat kif kienu l-Efesin (Efesin 1:13-14). Jiena qiegħed taħt il-protezzjoni ta' Alla. Jiena iben (jew bint) ġenwin Tiegħu u jien Tiegħu.